Arkivre Arkivre

Illum id-disgha (9)
ta' Lulju tal-elf
disa' mija u tnejn
u disgħin (1992).

Numru: 506

Sqiegħed
Segretarju

Numrat

13-7-92

Nutarbs/ta. Dok
9'1060/92
9'1061/92

Arkivre Arkivre

Quddiemi Nutar Dottor Paul George Pisani, dentru personalment:-

Mill-parti l-wahda:-

John Xuereb, fil-kummerc, bin il-mejjet Carmel u Maria Assunta nee' Meilaq, (Karta ta' l-identita' numru 16251(G)), u martu Angiolina Xuereb, bint il-mejjet Carmelo Hili u Maria nee' Mifsud (Karta ta' l-identita' numru 002579(A), imwieldin u joqghodu n-Nadur Ghawdex.

Arkivre Arkivre

U l-oħra parti:-

Joseph Mizzi, pensjonant, bin il-mejtin Paul u Rosa nee' Camilleri (Karta ta' l-identita' numru 42426(G)), u martu Rita Mizzi, bint il mejtin Salvatore Camilleri u Rosa nee' Muscat, (Karta ta' l-identita numru: 27030(G)), imwieldin il-Qala w n-Nadur Ghawdex respettivatment, u joqghodu n-Nadur, Ghawdex, il-quddiem flimkien imsejhin "l-enfitewti".

40

U in forza ta' dan l-att il-kompartenti John u Angiolina, konjugi Xuereb, qeghdin jittrasferixxu [illegible] enfitewsi perpetwa dekoribbli mil-lum il garage bil-basement u bi gnien anness mieghu l-intier tal-kejl ta' cirka mitejn u hamsa u sebghin metri kwadri (275 m.k.), bla numru u bl-isem ta "Redentur", fi Triq Guze' Ellul Mercer Nadur, Ghawdex, li jmiss: Nofsinhar ma' l-imsemmija Triq, Punent ma' beni ta' Peter Hili u Lvant ma' beni ta' Martin Xuereb, jew irjieh verjuri, bl-arja tieghu, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi tieghu kollha u bil-pussess vakanti, kif jinsab ahjar delineat fuq pjanta hawn annessa u markata bl-ittra "A".

Arkivre Arkivre

Notary to Government
Victoria, Gozo

Arkivre Arkivre

bil-koncessjoni qed issir u tigi accettata bic-cens u bil-pattijiet segwenti, u cioe:-

1) Bic-cens annwu w perpetwu ta' tliet mitt lira Maltin (Lm300) dekorribbli mill-lum u pagabbli bis-sitt (6) xhur bil-quddiem.

2) Il-koncedenti jiriservaw a favur taghhom id-dritt tal-lawdemju f'kull transferiment futur li jsir ta' l-imsemmi garage hawn koncess ammontanti ghal sena cens ta' tliet mitt lira Maltin (Lm300).

Arkivre Arkivre

3) L-imsemmi cens mhux rivedibbli.

U in garanzija tal-pacifiku pussess u reali godiment tal-garage bil-basement u gnien anness koncess in enfitewsi, il-koncedenti qed jipotekaw a favur ta' l-enfitewti, li jaccettaw, il-beni taghhom kollha in generali prezenti u futuri u jirriservaw ukoll il-privilegg specjali in garanzija tal-pagament tac-cens u tal-adempiment tal-kondizzjonijiet l-ohra stipulati.

Arkivre Arkivre

Ghall-fini ta' l-Att dwar it-Taxxa [illegible] donazzjoni, [illegible] garage fuq koncess in enfitewsi gie akkwistat mill-koncedenti: in kwantu ghal nofs (1/2) indiviz, mill-wirt ta' missier Angiolina Xuereb, Carmelo Hili, li miet fit-tnejn (2) ta' Frar tal-elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985) skond testment unika karta tieghu w ta' martu Maria Hili, fl-Atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tas-sittax (16) ta Gunju, elf disa' mija w sebgha u sebghin (1977) u skond immissjoni fil-pussess fl-Atti tan-Nutar Dottor Paul Pisani tal-hamsa (5) ta' Mejju tal-elf disa' mija u tnejn u disghin (1992). In-nofs indiviz l-iehor gie lill-koncedenti konjugi Xuereb b'donazzjoni fl-atti tal-istess Nutar [illegible] Pisani tal-hamsa (5) ta' Mejju, [illegible] mija u tnejn u disghin (1992).

Arkivre Arkivre

Is-successjoni tal-imsemmi Carmelo Hili giet denunzjata lill-Kummissarju tat-taxxi Interni bl-avviz ittra G numru tlieta u erbghin tal-elf disa mija u hamsa u tmenin (G43/85), filwaqt li l-imsemmija donazzjoni giet denunzjata lill-istess Kummissarju bl-avviz ittra G numru tliet mija u ghoxrin ta' l-elf disa mija u tnejn u disghin (G320/92); u l-permessi relattivi ta' l-istess Kummissarju jinsabu hawn annessi u markati bl-ittri 'B' u 'C' rispettivament.

Notary to Government
Victoria, Gozo